EBA/GL/2020/11

11 ta' Awwissu 2020

# Linji Gwida

## dwar ir-rappurtar superviżorju u r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni f'konformità mas-"soluzzjoni rapida" tas-CRR b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19

# 1. Konformità u rappurtar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar il-mod kif id-dritt tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi applikat f'qasam partikolari. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, kif iddefinit fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li għalihom japplikaw il-linji gwida, jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż jekk il-linji gwida jkunu indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rappurtar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA, sa 12.10.2020, dwar jekk jikkonformawx jew jekk humiex biħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet tagħhom għan-nuqqas ta' konformità. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2020/11". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa sabiex jirrappurtaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità jrid jiġi rrapportat ukoll lill-EBA.

4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

# 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett

2. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw kif ir-rapportar dwar ir-riskju tal-kreditu, ir-riskju tas-suq, il-fondi proprji u l-proporzjon ta' ingranaġġ u d-divulgazzjoni tal-proporzjon ta' ingranaġġ għandhom

jitwettqu abbażi tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014[1] u tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/200[2] sabiex l-istituzzjonijiet jikkonformaw mar-Regolament (UE) Nru 575/2013[3] kif emendat mir-Regolament (UE) 2019/876[4] u r-Regolament (UE) 2020/873[5].

## Kamp ta’ applikazzjoni

3. Dawn il-linji gwida għandhom jiġu applikati fil-livelli individwali u konsolidati, kif stipulat għar-rappurtar u r-rekwiżiti ta’ divulgazzjoni fl-Ewwel Parti, it-Titolu II tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

## Destinatarji

4. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif iddefinit fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u lill-istituzzjonijiet ta’ kreditu kif iddefinit fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

# 3. Implimentazzjoni

## Data ta’ applikazzjoni

5. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-11 ta’ Awwissu 2020 sas-27 ta’ Ġunju 2021.

[1] Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta’ April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta’ implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta’ istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

[2] Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/200 tal-15 ta’ Frar 2016 li jistipula standards tekniċi ta’ implimentazzjoni fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-proporzjon ta’ ingranaġġ għall-istituzzjonijiet, skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 39, 16.2.2016, p. 5).

[3] Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

[4] Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta’ ingranaġġ, il-proporzjon ta’ finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta’ kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta’ investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta’ rappurtar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 1).

[5] Regolament (UE) 2020/873 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2019/876 fir-rigward ta’ ċerti aġġustamenti b’rispons għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 204, 26.6.2020, p. 4).

# 4. Rappurtar dwar ir-riskju tal-kreditu u r-riskju tas-suq, il-fondi proprji u l-proporzjon ta’ ingranaġġ

## Riskju tal-kreditu

6. Biex jikkonformaw mal-Artikolu 501 u l-Artikolu 501a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif emendat mir-Regolament (UE) 2019/876 u r-Regolament (UE) 2020/873, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-Anness I (COREP – Rappurtar Komuni) għar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014[6], billi jużaw il-kolonni li ġejjin bil-mod li ġej:

    - “AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJI QABEL IL-FATTUR TA’ APPOĠĠ TAL-SMEs” għandu jkun irrappurtat bħala “AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJI QABEL IL-FATTURI TA’ APPOĠĠ”.
    - “AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJI WARA L-FATTUR TA’ APPOĠĠ TAL-SMEs” għandu jkun irrappurtat bħala “AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJI WARA L-FATTURI TA’ APPOĠĠ”.

7. Jekk japplikaw il-paragrafu preċedenti, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-effett taż-żewġ fatturi ta’ appoġġ stipulati fl-Artikolu 501 kif ukoll fl-Artikolu 501a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif emendat mir-Regolament (UE) 2019/876 u r-Regolament (UE) 2020/873 huwa rifless bis-sħiħ fil-mudelli/kolonni li ġejjin:

    - C 07.00 — il-kolonni 215 sa 240;
    - C 08.01 u C 08.02 — il-kolonni 255 sa 270;
    - C 09.01 — il-kolonni 080 sa 090;
    - C 09.02 — il-kolonni 110 sa 125.

8. Biex jikkonformaw mal-Artikolu 473a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif emendat mir-Regolament (UE) 2019/876 u r-Regolament (UE) 2020/873, l-istituzzjonijiet li jagħmlu użu mid-deroga tal-Artikolu 473a (7a) tas-CRR għandhom jittrattaw l-ammont ABSA li huwa ponderat għar-riskju ta’ 100 % bħala skopertura oriġinali separata u għandhom jirrapurtawh fil-

[6] Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta’ April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta’ implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta’ istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

mudell C 07.00 tal-Anness I għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 fil-klassi ta' skopertura "entrati oħrajn".

## Riskju tas-suq

9. Jekk l-istituzzjonijiet jitħallew, skont l-Artikolu 500c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif emendat mir-Regolament (UE) 2019/876 u r-Regolament (UE) 2020/873, jeskludu qbiż tal-valur mill-kalkolu tal-addend stipulat fl-Artikolu 366(3) ta' dak ir-Regolament, l-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni speċifikata fil-mudell C 24.00 tal-Anness I (COREP) għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 wara li jkunu kkunsidraw l-effett tal-applikazzjoni tal-Artikolu 500c.

## Fondi proprji

10. Biex jikkonformaw mal-punt (b) tal-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif emendat mir-Regolament (UE) 2019/876 u r-Regolament (UE) 2020/873 fir-rigward tal-eżenzjoni ta' assi tas-software b'valur prudenti mit-tnaqqis mis-CET1 (Grad 1 ta' Ekwità Komuni), l-istituzzjonijiet m'għandhomx jibqgħu jirrappurtaw l-ammont eżentat ta' assi tas-software b'valur prudenti fir-ringieli 340 sa 360 tal-mudell C 01.00 tal-Anness I għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 malli l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-Artikolu 36(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 isiru applikabbli.

11. Biex jikkonformaw mal-Artikolu 468 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif emendat mir-Regolament (UE) 2019/876 u r-Regolament (UE) 2020/873 fir-rigward tal-fondi proprji, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw ir-ringiela 430 tal-mudell C 05.01. tal-Anness I għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

12. Biex jikkonformaw mal-Artikolu 473a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif emendat mir-Regolament (UE) 2019/876 u r-Regolament (UE) 2020/873 fir-rigward tal-fondi proprji, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw ir-ringiela 440 tal-mudell C 05.01 tal-Anness I għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

## Proporzjon ta' ingranaġġ

13. Biex jikkonformaw mal-Artikolu 500b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif emendat mir-Regolament (UE) 2019/876 u r-Regolament (UE) 2020/873 fir-rigward tal-ammont ta' skoperturi tal-bank ċentrali li għandhom jiġu esklużi mill-miżura ta' skopertura ingranata totali tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw ir-ringiela 260 "Skoperturi eżentati f'konformità mal-Artikolu 429(14) tas-CRR" tal-mudell C 47.00 tal-Anness X għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014. Ir-ringiela 190 "Assi oħrajn" ta' dan il-mudell għandha tiġi rrappurtata gross mill-iskoperturi tal-bank ċentrali li jkunu eżentati f'konformità mal-Artikolu 500b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif emendat mir-Regolament (UE) 2019/876 u r-Regolament (UE) 2020/873.

14. Biex jikkonformaw mal-kalkolu temporanju stabbilit fl-Artikolu 500d tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif emendat mir-Regolament (UE) 2019/876 u r-Regolament (UE) 2020/873, l-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw il-valur tal-iskopertura tal-bejgħ jew xiri mħallas fi żmien regolari li qed jistenna li jitħallas fir-ringiela 190 "Assi oħrajn" tal-mudell C 47.00 inkluż fl-Anness X għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

15. Biex jikkonformaw mal-Artikoli 473a (7) u l-Artikolu 473a (7a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif emendat mir-Regolament (UE) 2019/876 u r-Regolament (UE) 2020/873 fir-rigward tal-ammonti miżjuda lura għall-miżura tal-iskopertura tal-proporzjon ta' ingranaġġ, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw — b'valur pożittiv — ir-ringiela 280 "Ammonti tal-assi mnaqqsa — kapital tal-Grad 1 — definizzjoni tranżitorja" tal-mudell C 47.00 inkluż fl-Anness X għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

# 5. Divulgazzjoni tal-proporzjon ta' ingranaġġ

16. Biex jikkonformaw mal-Artikolu 500b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif emendat mir-Regolament (UE) 2019/876 u r-Regolament (UE) 2020/873 fir-rigward tal-ammont ta' skoperturi tal-bank ċentrali li għandhom jiġu esklużi mill-miżura tal-iskopertura ta' ingranaġġ totali tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw ir-ringiela UE-19b (Skoperturi eżentati f'konformità mal-Artikolu 429(14) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (fuq u barra l-karta tal-bilanċ)) tat-tabella intitolata "LRCom: Divulgazzjoni komuni tal-proporzjon ta' ingranaġġ" inkluża fl-Anness I għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/200. L-istituzzjonijiet għandhom ukoll jipprovdu informazzjoni narrattiva dwar il-fatt li skoperturi tal-bank ċentrali esklużi kienu żvelati fir-ringiela 19b.

17. L-istituzzjonijiet li jeskludu skoperturi għall-bank ċentrali tagħhom mill-miżura ta' skopertura totali tagħhom skont l-Artikolu 500b (1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif emendat mir-Regolament (UE) 2019/876 u r-Regolament (UE) 2020/873 għandhom iżidu d-divulgazzjoni meħtieġa fl-aħħar sentenza tal-paragrafu 2 ta' dak l-artikolu f'ringiela separata li għandha tiddaħħal fit-tabella "LRCom: Divulgazzjoni komuni tal-proporzjon ta' ingranaġġ" inkluża fl-Anness I għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/200.

18. Jekk japplikaw il-paragrafu preċedenti, l-istituzzjonijiet għandhom iżidu ringiela ġdida, UE-22a, immedjatament taħt ir-ringiela 22 tat-tabella "LRCom"; ir-ringiela l-ġdida għandha tkun intitolata "Proporzjon ta' ingranaġġ" (eskluż l-impatt ta' kwalunkwe eżenzjoni temporanja applikabbli ta' skoperturi tal-bank ċentrali) u għandha tintuża għad-divulgazzjoni tal-proporzjon taħt il-kolonna intitolata "skoperturi tal-proporzjon ta' ingranaġġ tas-CRR" tal-istess tabella.